**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 20 ta' Gunju 2000.

Il-Pulizija
Spettur Frans Micallef

vs

Alexander Cassar.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Cassar ta' 49 sena, bin William u Alice nee' Zammit imwieled Sliema fl-1 ta' Jannar 1950 u li joqghod Kailas, Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann, bin-numru tal-Karta tal-Identita' 49650M;

Talli f'Rex Butcher Shop li qieghed fi Triq Santa Marija tas-Sliema, fis-27 ta' Ottubru 1998, u matul ix-xhur ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala sid il-post jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku, minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000), ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u talli fl-istess zmien, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kisser jew ghamel hsara f'dan l-apparat.

Wara illi rat l-Artikoli 261b u 278;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja tal-istess imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Alexander Cassar hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u qeghda tilliberah a tenur tal-Artikolu 11, bi hlas tal-ammont ta' mitt lira maltin (Lm100), fiz-zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.